SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

19 ta' Diċembru 2013 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KE) Nru 2200/96 — Regolament (KE) Nru 1432/2003 — Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Frott u ħaxix — Organizzazzjoni tal-produtturi — Kundizzjonijiet ta' rikonoxximent mill-awtoritajiet nazzjonali — Tqegħid għad-dispożizzjoni ta' metodi tekniċi neċessarji għall-ħażna, għall-imballaġġ u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti — Obbligu għall-organizzazzjoni, fil-każ ta' delegazzjoni tal-kompiti tagħha lil kumpanniji terzi, li teżerċita kontroll fuq l-imsemmija kumpanniji"

Fil-Kawża C-500/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Qorti Amministrattiva) (ir-Renju Unit), permezz tad-deċiżjoni tas-16 ta' Settembru 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Settembru 2011, fil-proċedura

The Queen, fuq talba ta':

Fruition Po Ltd,

vs

Minister for Sustainable Farming and Food and Animal Health,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, J. L. da Cruz Vilaça, G. Arestis (Relatur), J.-C. Bonichot u A. Arabadjiev, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: V. Tourrès, Amministratur,

wara l-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' Frar 2013,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Fruition Po Ltd, minn P. Cusick, solicitor, u H. Mercer, barrister,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn J. Beeko u L. Seeboruth, bħala aġenti, assistiti minn G. Peretz, barrister,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. S. Schillemans u C. Wissels, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn B. Schima u N. Donnelly, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-23 ta' April 2013,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, tat-28 ta' Ottubru 1996, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 20, p. 55), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru°2699/2000, tal-4 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 311, p. 9, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 2200/96"), u tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1432/2003, tal-11 ta' Awwissu 2003, li jistabbilixxi r-regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 li jirrigwarda l-kondizzjonijiet għall-għarfien tal-organizzzzjonijiet tal-produtturi u l-għarfien preliminari tal-gruppi tal-produtturi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 39, p. 424).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Fruition Po Ltd (iktar 'il quddiem "Fruition") u l-Minister for Sustainable Farming and Food and Animal Health (iktar 'il quddiem il-"Ministru"), dwar deċiżjoni li permezz tagħha dan tal-aħħar irtira l-istatus ta' organizzazzjoni tal-produtturi li kien ġie attribwit lilu abbażi tar-Regolament Nru 2200/96.

Il-kuntest ġuridiku

3 Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali jinsabu fir-Regolament Nru 2200/96 u fir-Regolament Nru 1432/2003. Ir-Regolament Nru 2200/96 ġie rrevokat u ssostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 361/2008, tal-14 ta' April 2008, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 121 p. 1). Ir-Regolament Nru 1432/2003, min-naħa tiegħu, ġie rrevokat u ssostitwit mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007, tal-21 ta' Diċembru 2007, li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex (ĠU L 350, p. 1), liema regolament ġie wkoll irrevokat u ssostitwit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni, tas-7 ta' Ġunju 2011, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat (ĠU L 157, p. 1).

4 L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2200/96 kien jipprovdi:

"1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, 'organizzazzjoni ta' produtturi' tfisser kull entità legali:

a) li hija ffurmata fuq l-inizjattiva proprja ta' dawk li jkabbru fil-kategoriji ta' prodotti li ġejjin stabbiliti fl-Artikolu 1(2):

   i) frott u ħaxix;

   ii) frott;

   iii) ħaxix;

   iv) prodotti intiżi għall-ipproċessar;

v) frott taċ-ċitru;

vi) lewż;

vii) faqqiegħ;

b) li għandhom b'mod partikolari l-iskop li:

1) jassiguraw li l-produzzjoni tkun ippjanata u aġġustata skont id-domanda, partikolarment f'termini ta' kwalità u kwantità;

2) jippromwovu l-konċentrazzjoni ta' provvista u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti mkabbra mill-membri tagħhom;

3) tnaqqas l-ispejjeż tal-produzzjoni u tistabbilizza l-prezzijiet tal-produtturi;

4) jippromwovu l-użu ta' prattiċi ta' kultivazzjoni, teknika ta' produzzjoni u prattiċi tajbin għall-ambjent għall-immaniġġjar ta' l-iskart b'mod partikolari għall-protezzjoni tal-kwalità ta' l-ilma, tal-ħamrija u tal-pajsaġġ u li jippreżervaw u/jew jinkoraġġixxu l-bijodiversità;

c) (ċ) ir-regoli tas-sħubija illi jeħtieġu mill-membri produtturi tagħha (l-organizzazzjoni), b'mod partikolari:

1) japplikaw ir-regoli adottati mill-organizzazzjoni tal-produtturi dwar ir-rappurtaġġ ta' produzzjoni, il-produzzjoni nnifisha, il-marketing u l-protezzjoni ta' l-ambjent;

2) ikunu membri biss ta' waħda mill-organizzazzjonijiet ta' produtturi msemmija fil-punt (a) dwar il-produzzjoni ta' azjenda partikolari ta' waħda mill-kategoriji ta' prodotti elenkati fil-punt (a);

3) iqiegħdu fis-suq il-produzzjoni kollha kkonċernata permezz ta' l-organizzazzjoni ta' produtturi.

[…]

4) jipprovdu t-tagħrif mitlub mill-organizzazzjoni ta' produtturi għall-skopijiet statistiċi, b'mod partikolari f'arji ta' tkabbir, uċuh miġbura, prodott u bejgħ dirett;

5) li jħallsu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji previsti fir-regoli ta' l-assoċjazzjoni għall-istabbiliment u r-riforniment tal-fond operazzjonali previst fl-Artikolu 15;

d) ir-regoli tas-sħubija tagħhom jipprovdu għal:

1) proċeduri li jistabbilixxu, jaddottaw u jemendaw ir-regoli msemmija fil-punt (ċ) (1);

2) it-twaqqif u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji meħtieġa sabiex jiffinanzjaw l-organizzazzjoni tal-produtturi;

3) ir-regoli li jagħtu l-poter lill-membri produtturi illi jiskrutinizzaw l-organizzazzjoni tagħhom u d-deċiżjonijiet tagħha b'mod demokratiku;

4) sanzjonijiet għall-ksur tal-obbligi skont ir-regoli ta' assoċjazzjoni, partikolarment in-nuqqas ta' ħlas tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, jew tar-regoli stabbiliti mill-organizzazzjoni ta' produtturi;

5) regoli dwar l-ammissjoni ta' membri ġodda, partikolarment żmien minimu ta' sħubija, u

6) ir-regola ta' kontabilità u regoli ta' budget neċessarji għall-operat ta' l-organizzazzjoni;

u

e) li ġiet irrikonoxxuta mill-Istat Membru kkonċernat skont paragrafu 2.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu bħala organizzazzjonijiet ta' produtturi għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament kull grupp ta' produtturi li japplika għal dan ir-rikonoxximent, bil-kondizzjoni illi:

a) jiġu sodisfatti l-ħtiġiet stabbiliti f'paragrafu 1 u jipprovdu l-provi relevanti, inkluża l-prova li għandhom numru minimu ta' membri u jkopru volum minimu ta' produzzjoni li tista' tinbiegħ, li għandhom jiġu ddeterminati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 45;

b) ikun hemm provi biżżejjed li jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod xieraq, kemm tul iż-żmien u wkoll fis-sens ta' effikaċità;

(ċ) ikunu effettivament jagħtu l-fakultà lill-membri tagħhom li jakkwistaw assistenza teknika fl-użu ta' prattiċi ta' kultivazzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

d) effettivament jipprovdu lill-membri tagħhom bil-mezzi tekniċi għall-ħażna, l-imballaġġ u l-marketing tal-prodott tagħhom u jassiguraw amministrazzjoni kummerċjali u ta' budget addattata ta' l-attivitajiet tagħhom.

[…]"

5 L-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2200/96 kien jirregola l-kundizzjonijiet ta' għoti tal-għajnuna finanzjarja Komunitarja lill-organizzazzjonijiet ta' prodotturi li kienu jikkostitwixxu fond operattiv. L-Artikolu 48 ta' dan ir-regolament kien jawtorizza, min-naħa tiegħu, lill-Kummissjoni Ewropea tadotta l-modalitajiet ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament. F'dan ir-rigward, ir-regolament tal-Kummissjoni applikabbli għall-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien ir-Regolament Nru 1432/2003.

6 L-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1432/2003 kien jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jissodisfaw lilhom infushom illi l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-personal, l-infrasteuttura u t-tagħmir meħtieġa għalbiex jiksbu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament [...] Nru 2200/96 u għandhom jiżguraw il-funzjonament essenzali tagħhom, b'mod partikolari:

— li jkunu jafu l-produzzjoni tal-membri tagħhom,

— li jagħżlu, jaħżnu u jippakkjaw il-produzzjoni tal-membri tagħhom,

— il-ġestjoni kummerċjali u ta' l-estimi finanzjarji,

— iż-żamma ta' kotba b'mod ċentralizzat u sistema ta' fatturazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijit li fuqhom oraganizzazzjoni tal-produtturi tista' tafda f'idejn partijiet terzi t-twettiq tal-kompiti ddikjarati fl-Artikolu 11 tar-Regolament [...] Nru 2200/96."

7 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ma adottawx dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li fihom organizzazzjoni tal-produtturi setgħet tinkariga lil terz bit-twettiq tal-kompiti ddefiniti fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2200/96.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

8 Fi tmiem is-sena 2003, Fruition talbet lill-awtoritajiet Brittaniċi kompetenti tiġi rikonoxxuta bħala organizzazzjoni tal-produtturi fil-kategorija "Il-frott kollu". Fit-talba tagħha għal rikonoxximent bħala organizzazzjoni tal-prodotturi, Fruition, b'mod partikolari, ipprovdiet l-informazzjoni segwenti dwar l-istruttura tagħha, il-proċessi deċiżjonali u l-installazzjonijiet tagħha:

"[Fruition] ma għandhiex kumpannija prinċipali jew sussidjarji iżda għandha ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni ma' Northcourt Group Ltd, kumpannija li l-membri tagħha huma simili ħafna (iżda mhux l-istess bħal) [dawk ta' Fruition]. Northcourt Group Ltd tuża lil Worldwide Fruit (WWF) (li fiha għandha sehem ta' 20 %) bħala l-aġent tagħha tal-kummerċjalizzazzjoni. WWF timpjega persunal fil-qasam tal-kummerċjalizzazzjoni, tat-teknoloġija, tal-kwalità, tal-informatika, tal-ippjanar u tal-amministrazzjoni li jipprovdu servizzi lil [Fruition].

[…]

Id-deċiżjonijiet kontinwi ta' politika jittieħdu mill-Bord tad-Diretturi li jiġu nnominati u eletti mill-membri. … Id-drittijiet tal-vot tal-Membri huma bbażati fuq il-kapaċità tagħhom ta' produzzjoni ma' [Fruition] iżda huma limitati fil-każ ta' kwalunkwe membru uniku għal massimu ta' 10 % tat-total.

[…]

Il-pjanijiet tal-ħażna, tal-imballaġġ u tal-kummerċjalizzazzjoni jiġu fformulati mill-persunal ta' WWF u miftiehma minn Northcourt Group u [Fruition]. Il-ħażna u l-imballaġġ għal iżjed minn 100 membru jseħħu f'madwar 30 ħażna ewlenija u 10 postijiet tal-imballaġġ ewlenija, li kollha huma proprjetà ta' membri individwali [...]"

[…]

[Fruition] ma għandhiex artijiet jew proprjetà immobbli - il-pjanijiet tal-ħażna u tal-imballaġġ saru fis-siti tal-membri […] [Fruition] ipprovdiet għal dawn is-siti ċertu tagħmir ta' imballaġġ kif ukoll installazzjonijiet intiżi li jtejbu l-ħażna [...]"

9 Wara din it-talba għal rikonoxximent, l-awtoritajiet Britanniċi kompetenti wettqu spezzjoni fuq il-post ta' Fruition. Huma fasslu wkoll rapport ta' spezzjoni li kien jikkonstata l-eżistenza ta' ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni konkluż ma' Northcourt intiż għall-użu tas-servizzi ta' WWF u li kien jindika li Fruition kellha biss żewġ impjegati diretti, id-direttur amministrattiv u l-assistent personali tiegħu, li kienu jaħdmu part-time.

10 Matul [ix-xahar ta'] Diċembru 2003, dawn l-awtoritajiet, abbażi tar-Regolament Nru 2200/96, irrikonoxxew lil Fruition l-istatus ta' organizzazzjoni tal-produtturi. Sussegwentement, Fruition setgħet tikseb l-għajnuna Komunitarja li kienet talbet, li kienet ġestita mill-imsemmija awtoritajiet u attribwita biss lill-produtturi kkategorizzati flimkien fi ħdan organizzazzjonijiet ta' produtturi.

11 Fl-2004 u fl-2005, l-awtoritajiet tar-Renju Unit fasslu żewġ rapporti ta' spezzjoni oħra li kienu jindikaw li l-organizzazzjoni tal-produtturi Fruition kienet qiegħda twettaq il-kompiti tagħha b'mod sodisfaċenti.

12 B'deċiżjoni tal-10 ta' Lulju 2006, il-Ministru rtira l-istatus ta' organizzazzjoni tal-produtturi fir-rigward ta' Fruition, b'mod partikolari, peress li l-funzjonijiet li kellhom jiġu żgurati minnha kienu ġew kważi kompletament esternalizzati u li, barra minn hekk, hija ma kinitx ipprovdiet prova suffiċjenti tal-kontroll li kienet teżerċita fuq dawn il-funzjonijiet esternalizzati. Din id-deċiżjoni segwiet verifika tal-Kummissjoni li kkonkludiet li diversi organizzazzjonijiet tal-produtturi Britanniċi, fosthom Fruition, ma kinux jissodisfaw il-kriterji ta' rikonoxximent previsti fir-Regolament Nru 2200/96. B'mod partikolari, fir-rigward ta' Fruition, il-Kummissjoni kienet essenzjalment waslet għall-konklużjoni segwenti:

"Il-101 membru ta' [Fruition] huma l-proprjetarji ta' kważi 100 % ta' [Northcourt]. Din il-kumpanija kellha sehem ta' 50 % f'[WWF]. Il-50 % l-oħra jinżammu minn kumpannija li hija proprjetà tal-bdiewa fi New Zealand. Ma hemmx ftehim bejn [Fruition] u din il-kumpanija.

WWF tikkummerċjalizza kważi 100 % tal-produzzjoni ta' [Fruition]. WWF hija responsabbli wkoll mill-organizzazzjoni taċ-ċaqliq, tal-issortjar, tal-imballaġġ u tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott, inkluż il-kontroll ġenerali tal-produzzjoni f'isem [Fruition]. Is-servizzi tekniċi u l-fatturar jitwettqu wkoll minn WWF. [Fruition] tħallas madwar GBP 150 000 lil WWF għal dawn is-servizzi msemmija iktar 'il fuq. Jidher biċ-ċar li WWF tinsab fil-qalba tal-organizzazzjoni kollha u twettaq l-attivitajiet kollha li l-OP għandha normalment twettaq.

Is-servizzi tal-Kummissjoni huma tal-opinjoni li [Fruition] ma ssodisfatx il-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent għaliex l-attivitajiet tal-organizzazzjoni ta' produtturi jitwettqu minn WWF mingħajr ma ġiet awtorizzata minn Fruition li tagħmel dan. Flimkien ma' din il-kwistjoni, jibqa' l-problema fir-rigward tal-istruttura, jiġifieri li l-membri produtturi ta' Fruition ma għandhomx vot ta' maġġoranza fuq id-deċiżjonijiet li jikkonċernaw lil WWF, li tikkontradixxi l-Artikolu 11(1)(d)(3) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96."

13 Permezz ta' ittra tas-7 ta' April 2008, il-Ministru kkonferma d-deċiżjoni tiegħu ta' rtirar tal-10 ta' Lulju 2006, u b'hekk ġie miċħud l-appell minn tali deċiżjoni li tressaq minn Fruition fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva interna applikabbli fir-Renju Unit.

14 Fit-2 ta' Lulju 2008, ġie ppreżentat rikors ġudizzjarju kontra din id-deċiżjoni minn Fruition quddiem il-qorti tar-rinviju. Insostenn tar-rikors tagħha, Fruition tikkontesta l-fatt li r-Regolament Nru 2200/96 jeżiġi li organizzazzjoni tal-produtturi teżerċita kontroll fuq l-attivitajiet li esternalizzat u, għalhekk, issostni li ssodisfat, fil-kawża prinċipali, il-kriterji ta' rikonoxximent stabbiliti minn dan ir-regolament.

15 Wara li semgħet il-partijiet u eżaminat il-provi prodotti quddiemha, il-qorti tar-rinviju, b'mod partikolari, għamlet il-konstatazzjonijiet segwenti.

16 Fir-rigward tar-relazzjoni kuntrattwali bejn Fruition u Northcourt, il-qorti tar-rinviju rrilevat li kien hemm abbozz ta' ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni konkluż f'Jannar 2004, li qatt ma daħal fis-seħħ, u li kien intiż li li jippermetti l-operat ta' organizzazzjoni tal-produtturi li tissodisfa l-kundizzjonijiet tar-Regolament Nru 2200/96 taħt il-kontroll esklużiv ta' Northcourt. Fin-nuqqas ta' ftehim formali bil-miktub, il-qorti tar-rinviju kkonkludiet li r-rabta kuntrattwali reali bejn Fruition u Northcourt kellha tiġi ddeterminata skont it-tranżazzjonijiet konklużi bejn dawn iż-żewġ entitajiet. L-imsemmija qorti rrilevat ukoll li ma kienet teżisti ebda rabta bil-miktub formali bejn Fruition u WWF.

17 Fir-rigward tar-relazzjoni bejn Northcourt u WWF, il-qorti tar-rinviju kkonstatat li fl-2000 kien ġie konkluż ftehim li kien jippermetti lil din il-kumpannija tal-aħħar topera lil Northcourt bl-istess mod bħall-abbozz tal-ftehim tal-2004 li kien jipprevedi l-kontroll ta' Fruition minn Northcourt.

18 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju setgħet tosserva wkoll li Northcourt kienet, fil-prattika, marbuta ssegwi l-istruzzjonijiet ta' Fruition, peress li l-membri ta' din tal-aħħar kellhom 93 % tal-kapital azzjonarju ta' Northcourt u d-diretturi tagħha kienu membri ta' Fruition. Il-qorti tar-rinviju kkonstatat

ukoll li Northcourt kienet tikkontrolla, min-naħa tagħha, id-deċiżjonijiet ta' WWF, peress li kien paċifiku li, fid-data tad-deċiżjoni ta' rtirar tar-rikonoxximent, hija kellha 50 % tal-kapital ta' din l-aħħar kumpannija, u mhux iktar 20 % kif indikat fit-talba għal rikonoxximent ta' Fruition, u li d-deċiżjonijiet kellhom jittieħdu unanimament. Barra minn hekk, din il-qorti rrilevat li ma kien hemm ebda prova li kienet turi li Northcourt jew WWF kienu aċċettaw, kuntrattwalment, li Fruition ittihom istruzzjonijiet, peress li tali dikjarazzjoni ta' intenzjoni ma kinitx tirriżulta, skont din il-qorti tar-rinviju, minn ftehim bil-miktub jew minn spjegazzjonijiet inklużi f'dokument fil-fajl.

19 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju sostniet li r-rabta bejn, minn naħa, Fruition u, min-naħa l-oħra, Northcourt u WWF kienet tali li l-attivitajiet ta' dawn l-entitajiet kienu mwettqa abbażi ta' konsensus u li probabbilment kien hemm konċessjonijiet reċiproki. Din il-qorti rrilevat li din l-aħħar kumpannija kienet aċċettat id-deċiżjonijiet ta' Fruition, anki meta dawn setgħu jitqiesu li jmorru kontra l-interessi kummerċjali tagħha. Fil-qosor, fid-dawl tas-sovrappożizzjoni tal-ishma, Fruition b'93 % tal-ishma u Northcourt b'50 % tal-ishma ta' WWF, il-partijiet kienu, skont il-fehma tal-imsemmija qorti, aġixxew fuq il-bażi ta' konsensus, li ma jfissirx li Fruition setgħet timponi l-fehma tagħha kull darba.

20 Abbażi ta' dawn il-konstatazzjonijiet fattwali, il-qorti tar-rinviju kkunsidrat li d-domanda ssollevata fil-kawża prinċipali fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni kienet essenzjalment intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-Regolament Nru 2200/96 jeżiġix impliċitament li organizzazzjoni ta' produtturi tipprovdi istruzzjonijiet lil fornituri esterni fil-kuntest ta' ftehim kuntrattwali jew inkella huwa biżżejjed, *a contrario*, li l-interdipendenza tal-kapital ta' dawn l-entitajiet jagħtihom il-possibbiltà joperaw fuq il-bażi ta' konsensus. Hija qieset rilevanti l-argument tal-Ministru li jipprovdi li jkun hemm ksur tal-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament meta organizzazzjoni tal-produtturi tittrasferixxi l-operat kollha tagħha, inkluż il-kontroll ta' dan l-operat, lil entità esterna, iżda jidher li huwa diffiċli li jiġi ddeterminat sa fejn u b'liema mod dan il-kontroll jinżamm u jekk l-interdipendenza tal-ishma tal-kapital kienet tissodisfa, fil-kawża prinċipali, ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni.

21 F'dawn il-kundizzjonijiet, il-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Administrative Court), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) F'ċirkustanzi fejn

a) Stat Membru aċċetta li jirrikonoxxi korp bħala organizzazzjoni ta' produtturi skont l-Artikolu 11tar-Regolament Nru 2200/96;

b) l-għanijiet u r-regoli tal-assoċjazzjoni ta' dan il-korp jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2200/96;

c) il-produtturi membri tal-korp irċevew is-servizzi kollha li normalment għandhom jiġu pprovduti minn organizzazzjoni ta' produtturi skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2200/96 u

d) il-korp kien qabbad kuntratturi sabiex jipprovdu parti sostanzjali ta' dawn is-servizzi;

l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2200/96 għandu jiġi interpretat, b'osservanza għall-prinċipju ta' ċertezza legali, fis-sens li l-korp għandu jeżerċita ċertu livell ta' kontroll fir-rigward tal-kuntratturi?

2) Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, x'livell ta' kontroll jeħtieġ l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2200/96?

3) B'mod partikolari, jista' jiġi kkunsidrat li l-korp kellu l-livell ta' kontroll eventwalment meħtieġ mill-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2200/96 meta

a) l-kuntratturi kienu

— kumpannija li 93 % tal-ishma tagħha kienu miżmuma minn membri tal-korp u

— kumpannija li 50 % tal-ishma tagħha kienu miżmuma mill-ewwel kumpannija u r-regoli tal-assoċjazzjoni tagħha kienu jipprovdu li d-deċiżjonijiet kellhom jittieħdu b'mod unanimu mill-kumpannija;

b) ebda kumpannija ma kienet obbligata, permezz ta' ftehim, tosserva l-istruzzjonijiet mogħtija mill-korp dwar l-attivitajiet inkwistjoni;

c) il-korp u l-kuntratturi kienu joperaw fuq il-bażi ta' kunsens minħabba t-tqassim imsemmi iktar 'il fuq tal-kapital?

4) Sabiex jiġu solvuti d-domandi preċedenti huwa rilevanti li:

a) l-Artikolu 6(2) tar-Regolament [Nru 1432/2003], kien espressament jipprovdi, fiż-żmien tal-fatti, li l-"Istati Membri [kellhom] jistabbilixxu l-kondizzjonijit" li skonthom organizzazzjoni ta' produtturi setgħet tafda lil terzi t-twettiq tal-kompiti tagħha u li

b) l-Istat Membru msemmi fid-domanda 1 [...] ma kienx iddefinixxa dawn il-kundizzjonijiet fiż-żmien tal-fatti?"

Fuq id-domandi preliminari

22 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2200/96 għandux jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġu osservati l-kundizzjonijiet ta' rikonoxximent stabbiliti f'din id-dispożizzjoni, organizzazzjoni tal-produtturi, li tkun inkarigat terz bl-eżerċizzju tal-attivitajiet essenzjali għar-rikonoxximent tagħha skont l-imsemmija dispożizzjoni, hijiex marbuta żżomm il-kontroll ta' dan l-eżerċizzju u, skont il-każ, sa fejn tali kontroll għandu jinżamm.

23 Għandu qabelxejn jiġi rrilevat li, ebda dispożizzjoni ta' dan ir-regolament ma tipprekludi l-esternalizzazzjoni tal-attivitajiet previsti fl-Artikolu 11 tal-imsemmi regolament.

24 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-premessa 7 tar-Regolament Nru 1432/2003 tipprevedi l-possibbiltà li organizzazzjoni tal-produtturi ma tkunx f'pożizzjoni li tiżgura direttament b'mod effikaċji l-attivitajiet kollha tagħha u li l-Artikolu 6(2) ta' dan ir-regolament jipprovdi espressament il-possibbiltà, għal organizzazzjoni tal-produtturi, li tinkariga terz bl-eżekuzzjoni tal-kompiti ddefiniti fl-imsemmi Artikolu 11.

25 Madankollu, tali esternalizzazzjoni ma tista' f'ebda każ tippermetti lil organizzazzjonijiet ta' produtturi jeskludu l-kundizzjonijiet li għandhom josservaw sabiex jiġu rikonoxxuti bħala tali skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2200/96. Fil-fatt, kif jirriżulta minn dan l-artikolu, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu bħala organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-sens ta' dan ir-regolament biss dawk l-organizzazzjonijiet ta' produtturi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' rikonoxximent stabbiliti fl-ewwel żewġ paragrafi tal-imsemmi artikolu. Fost dawn il-kundizzjonijiet hemm, b'mod partikolari, dik imsemmija fl-Artikolu 11(2)(b) li teħtieġ lil dawn l-organizzazzjonijiet joffru garanzija suffiċjenti tat-twettiq tal-attivitajiet tagħhom fil-ħin u b'mod effiċjenti.

26 Fit-talba tagħhom għal rikonoxximent bħala organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-sens tal-imsemmi regolament, dawn l-organizzazzjonijiet jinkarigaw ruħhom, fil-fatt, li josservaw l-imsemmija kundizzjonijiet matul il-perijodu kollu ta' rikonoxximent u jobbligaw ruħhom, b'mod partikolari, li

jeżerċitaw b'mod effiċjenti, l-attivitajiet essenzjali li huma imposti fuqhom skont l-Artikolu 11 tal-istess regolament. Għalhekk, huwa indispensabbli għaż-żamma tal-istatus tagħhom bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi li, ladarba rikonoxxuti, dawn l-organizzazzjonijiet jiżguraw li jkomplu jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' rikonoxximent matul dan il-perijodu u, b'mod partikolari, jiżguraw it-twettiq effettiv tal-attivitajiet tagħhom.

27 Kieku organizzazzjoni tal-produtturi tista' tinkariga terz bl-eżerċizzju, b'indipendenza sħiħa u mingħajr ebda kontroll, ta' dawn l-attivitajiet essenzjali, hija ma tkunx iktar f'pożizzjoni li tiżgura kontinwament l-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' rikonoxximent stabbiliti fl-imsemmi Artikolu 11, inkluż dik tal-garanzija tat-twettiq effettiv tal-imsemmija attivitajiet.

28 Fir-rigward tal-livell ta' kontroll meħtieġ mir-Regolament Nru 2200/96, meta organizzazzjoni tal-produtturi tkun inkarigat terz bl-eżerċizzju tal-attivitajiet essenzjali għar-rikonoxximent tagħha skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament, għandu jiġi rrilevat li, peress li din l-organizzazzjoni hija marbuta tiżgura kontinwament l-osservanza tal-kundizzjonijiet tar-rikonoxximent tagħha, inkluż dik li hija tiggarantixxi t-twettiq effettiv tal-attivitajiet tagħha, dan ir-rekwiżit ta' kontroll ikun osservat biss jekk dan il-kontroll jippermetti lill-imsemmija organizzazzjoni tintervjeni fil-ħin u b'mod kontraenti fir-rigward ta' dan l-eżerċizzju.

29 Tali rekwiżit ta' kontroll huwa ssodisfat meta ftehim kuntrattwali jippermetti l-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernata tibqa' responsabbli għall-eżerċizzju tal-attivitajiet esternalizzati kif ukoll għall-kontroll tal-operat globali, b'mod li din iżżomm, fundamentalment, is-setgħa ta' kontroll u, skont il-każ, ta' intervent fi żmien xieraq, fir-rigward tal-eżerċizzju tal-attivitajiet esternalizzati matul it-tul kollu tal-ftehim.

30 F'dan ir-rigward, sempliċi prassi li d-deċiżjonijiet jiġu adottati b'konsensus bejn l-organizzazzjoni tal-produtturi u t-terz inkarigat minnha ma tistax tiggarantixxi li r-rekwiżit tal-kontroll huwa sodisfatt.

31 Madankollu, peress li l-eżaminazzjoni ta' sitwazzjonijiet fattwali u legali ta' sikwit kumplessi, hija l-qorti nazzjonali kompetenti li għandha tivverifika, f'kull każ u fir-rigward taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti fil-każ, inkluż in-natura u l-portata tal-attivitajiet esternalizzati, jekk l-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernata żammitx il-kontroll meħtieġ fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2200/96.

32 Għaldaqstant, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2200/96 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tkun tista' tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' rikonoxximent stabbiliti minn din id-dispożizzjoni, organizzazzjoni tal-produtturi, li tkun inkarigat terz bl-eżerċizzju tal-attivitajiet essenzjali għar-rikonoxximent tagħha skont l-imsemmija dispożizzjoni, għandha tikkonkludi ftehim kuntrattwali li jawtorizzaha tibqa' responsabbli għal dan l-eżerċizzju kif ukoll għall-kontroll tal-operat globali, b'mod li din l-organizzazzjoni żżomm, fundamentalment, is-setgħa ta' kontroll u, skont il-każ, ta' intervent fi żmien xieraq, fir-rigward tal-eżerċizzju tal-attivitajiet esternalizzati matul it-tul kollu tal-ftehim. Hija l-qorti nazzjonali kompetenti li għandha tivverifika, f'kull każ u fir-rigward taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti fil-każ, inkluż in-natura u l-portata tal-attivitajiet esternalizzati, jekk l-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernata żammitx tali kontroll.

Fuq l-ispejjeż

33 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi li:

L-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, tat-28 ta' Ottubru 1996, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru°2699/2000, tal-4 ta' Diċembru 2000, għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tkun tista' tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' rikonoxximent stabbiliti minn din id-dispożizzjoni, organizzazzjoni tal-produtturi, li tkun inkarigat terz bl-eżerċizzju tal-attivitajiet essenzjali għar-rikonoxximent tagħha skont l-imsemmija dispożizzjoni, għandha tikkonkludi ftehim kuntrattwali li jawtorizzaha tibqa' responsabbli għal dan l-eżerċizzju kif ukoll għall-kontroll tal-operat globali, b'mod li din l-organizzazzjoni żżomm, fundamentalment, is-setgħa ta' kontroll u, skont il-każ, ta' intervent fi żmien xieraq, fir-rigward tal-eżerċizzju tal-attivitajiet esternalizzati matul it-tul kollu tal-ftehim. Hija l-qorti nazzjonali kompetenti li għandha tivverifika, f'kull każ u fir-rigward taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti fil-każ, inkluż in-natura u l-portata tal-attivitajiet esternalizzati, jekk l-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernata żammitx tali kontroll.

Firem